MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-1 ta' Awwissu, 2008

Numru. 12/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Josric Mifsud**
**V**

**JOSEPH ZERAFA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JOSEPH ZERAFA** bin John u Maria nee Xuereb, imwieled nhar d-disgha ta' Frar 1952 u residenti 'Kaola Blue', Triq Guze Flores, Rabat, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita` numru 13252G gie mressaq quddiemha akkuzat:

1. Ttalli nhar t-tmintax ta' Novembru 2004, ghal habta tas-saghtejn ta' wara nofsinhar, fl-ghelieqi maghrufa bhala Qasam San Gorg, limiti tar-

Rabat, Ghawdex, dahal bl-ingenji agrikoli tieghu fil-proprjeta ta' Micheel Camilleri u dan minghajr ma kellu ebda jedd u/jew kunsens da parti ta' Michael Camilleri u

2. Talli fl-istess data u hin voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq il-wicc li kien hemm ghad-dannu ta' Michael Camilleri, liema hsara ma teccedix l-ghoxrin lira maltin.

Rat l-atti kollha tal-kawza nkluz l-okkorrenza relattiva, zewg ritratti w is-site plan.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni u cioe lil Joseph Buhagiar u Leli Vella, lil WPS 160, Martin Bajada u Michael Camilleri, kif wkoll lil imputat Joseph Zerafa jixhed minn jeddu b'mod voluntarju.

Ikkunsidrat:
Illi din l-Qorti tirrileva li bhala principju generali tal-proceduri penali, hi l-Prosekuzzjoni li ghandha l-obbligu li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lil Qorti li l-akkuzi addebitati lil imputati huma veriteri u hu appuntu ghalhekk li din il-Qorti gharblet il-provi prodotti f'din il-kawza b'mod partikolari ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Dwar l-akkuza, ta' **raggion fattasi**, din il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija minnha fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Debrincat** nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Novembru 2004, fejn sostniet li dan r-reat jigi kommess minn min fl-ezercizzju ta' dritt li ghandu [w indipendenti jekk verament ghandux o meno dak d-dritt] ifixkel lil xi hadd fil-pussess ta' hwejjeg ta' dak ix-xi hadd ikun qed igawdi. Il-ligi qed tipprotegi mhux d-dritt ta' sid l-proprjeta, mobbli jhew immobbli, izda d-dritt ta' min ikun qieghed <u>effettivament</u> igawdi dik l-proprjeta, jigifieri ta' min jkollu l-pussess materjali taghha [vide **Il-Pulizija v Paul Schembri** ***deciza nhar t-tlieta w ghoxrin ta' April 1999 mill-Qorti tal-Appell Kriminali***].

Illi kif dejjem gie ritenut, element importanti kostituttiv ta' dan r-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta'dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jezercita dritt li jahseb

li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni voluntarji fuq proprjeta ta' haddiehor per ezempju. Ghalhekk hemm bzonn li ssir indagni fuq il-movent li jkun wassal lil persuna li kkommettiet dan r-reat biex taghmel dak li ghamlet.  L-element materjali invece jikkonsisti filli wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu d-dgawdija taghha.

Ir-reat ma jissustix meta l-att materjali jikkonsisti fir-retenzjoni tal-pussess ta' dak li jkun gia jkollu.  Hemm bzonn li jkun hemm att posittiv li jippriva lil terzi, jew ifixklu fil-pussess tal-haga ghaliex kif jghid il-**Carrara** [***Prog. Parte Speciale - Vol 5 - para 2850***]:-
*"L' atto esterno deve porivare altro contro sua voglia di un bene che gode chi e' nell'attuale godimento di un bene e' continua a goderne a dispetto di chi non voglia, non delinque perche' la lege protegge lo stato quo, il-quale non puo variarsi tranne per consenso degli interessati o per decreto della autorita gudizziale." [vide* **Il-Pulizija v Eileen Said *deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-dsatax ta' Gunju 2002*]**.

Issa fil-kaz in ezami, Michael Camilleri ma kellux dritt jizra l-prodott fl-ghalqa proprju sat-tarf u dan ghaliex l-imputat ghandu access minn hemm sabiex ikun jista jahdem l-art tieghu.  Illi ghalhekk l-imputat kellu d-dritt jghaddi minn tarf l-ghalqa ta' Michael Camilleri, kif del resto ghamel fis-snin ta' qabel u konsegwentement mhux responsabbli ghad-dannu li setgha sofra l-istess Michael Camilleri ghax ma giex ppruvat b'mod sodisfacenti li l-imputat voluntarjament ikkaguna xi hsarat.
Ghalhekk **il-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 85 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li ma ssibx lil imputat JOSEPH ZERAFA hati tal-akkuza kif dedotta kontra tieghu u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------